QALA

Ref Nru: 10

Il-minuti ta' l-ghaxar laqgha tas-sitt leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar il-Gimgha 4 ta' Jannar 2013, fis-7:00 ta' fil-ghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Jesmond Borg<br>Victor Grech |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

**1 Talba**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 EAFRD mizura 313 - L-ghazla ta' l-offerta ghat-tkomplija tal-gnien ta' rikreazzjoni fi Triq l-Imgarr (Ta' Grunju), Qala – Offerta numru 1/2012.**

2.1 Ghal din il-parti tal-laqgha gie mistieden il-Perit tal-Kunsill Edward Scerri. Huwa ta spejgazzjoni dwar l-opinjoni tieghu kif ukoll tal-bord, li gie format biex janalizza l-offerti ghat-tkomplija tal-gnien ta' rikreazzjoni fi Triq l-Imgarr (Ta' Grunju), Qala, u jara liema offerta ghandha tigi maghzula. Dan il-bord iddecida li ghandha tigi maghzula l-offerta ta' Gatt Tarmac Ltd. Il-Kunsill qabel li ghandu jibqa` fuq id-decizjoni tal-bord u ghalhekk gie deciz li tigi maghzula l-offerta ta' Gatt Tarmac Ltd. Is-Sindku semma li jekk il-proposta ghat-tkabbir tal-*ground* tal-futbal ezistenti mill-*Gozo Football Association* ma jsirx, ghandu jidhol ghal dan ix-xoghol il-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan.

**3 Progetti ohra.**

3.1 Is-Sindku semma li l-Kunsill ircieva ittra minghand Paul Grech Superjur tal-Museum tas-Subien, Qala dwar talba ghall-ghajnuna finanzjarja ghal progett tat-*turf* artificjali ghall-*ground* ta' dan l-istess Museum. Is-Sindku semma li hemm xi Kunsilli li ghamlu ftehim ta' *management* mas-Socjetajiet bhal dawn. Gie deciz li ghandha tigi mressqa proposta dwar dan, lill-Museum.

## 4 Karnival 2013.

4.1 Is-Sindku semma li l-programm tal-Karnival 2013 ser ikun bhalma ssoltu isir fejn jigu mistieden l-iskejjel biz-zifna taghhom.

## 5 Materji ohra.

5.1 Is-Sindku semma li huwa gie kkuntatjat minn xi assocjazzjoni tal-maratoni dwar maratona li huma ser jorganizzaw f'Jum il-Qala 2013. Is-Sindku semma li ghalkemm il-Kunsill ma kienx jaf b'dan, qabel li ghandha jsir din il-maratona. Il-Kunsill qabel ukoll. Huwa semma li l-Kunsill ser johrog l-ispejjes ghat-*trophies* li ser jinghataw.

5.2 Il-Sindku ressaq proposta minn Ray Sciberras *Managing Director* tal-*Golden Island Ltd*, dwar *bee interpretation centre* fil-Fortizza ta' Sant Antnin. Il-Kunsill iddiskuta li ghalkemm il-*bee interpretation centres* huma tajbin, ma jaqbilx izda li l-Fortizza huwa post addattat ghal dan l-ghan. Giet trattata korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand Ray Sciberras.

5.3 Is-Sindku semma li huwa rcieva email minn Din l-Art Helwa sabiex il-Kunsill ihallas il-bibien ta' l-injam tal-Fortizza ta' Sant Antnin. Rega` gie diskuss li l-Kunsill kellu jhallas biss €1,200 u infatti diga` sar dan il-hlas. Is-Sindku semma li ghandhom jigu mitluba xi stimi ghat-tikhil tal-fortizza minn gewwa biss ghalissa. Il-Kunsillier Paul Buttigieg issuggerixxa li ghandhom jintalbu stimi ghat-tikhil fuq gewwa kif ukoll fuq barra imbaghad ix-xoghol jsir f'*phases*. Is-Sindku semma li l-Kunsill ircieva *memo* 45/2012 dwar Skema Inizjattivi Specjali 2013 mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali u li giet sottometta applikazzjoni mill-Kunsill ghat-tkomplija tal-progett tar-restawr tal-Fortizza ta' Sant Antnin. Giet trattata din l-applikazzjoni.

5.4 Is-Sindku semma li l-Ministeru ghal Ghawdex kien hareg sejha ohra ghall-offerti ghal xoghol ta' *resurfacing* bit-tarmak ta' Triq Dun Guzepp Vella izda sallum ghadu ma sar xejn. Huwa semma li ghamel diversi telefonati lid-Direttur Joseph Portelli tad-Dipartiment tal-Progetti u Zvilupp izda xorta ghal xejn ghalhekk huwa ssuggerixxa li ghandha tinhareg stqarrija ghall-istampa. Il-Kunsillier Paul Buttigieg issuggerixxa li qabel ma jsir dan, ghandha tigi kkuntatjatha l-Ministru ghal Ghawdex l-Onorevoli Giovanna Debono sabiex tigi diskussa din il-materja. Il-Kunsill qabel ma dan.

5.5 Is-Sindku semma li l-Kunsill inghata haddiem iehor mill-iskema tal-ETC Xoghol fil-Komunita` li jismu Seymour Bartolo u li qed ikun inaddaf 'Gnien il-Familja'.

5.6 Is-Sindku semma li hemm xi problema dwar minn fejn ser jinghataw il-fondi ghal haddiem li l-Kunsill ser jqabbad permezz tal-*Community Inclusive Employment Scheme*.

5.7 Il-Kunsill unanimament approva li jaghti 10% *performance bonus* lis-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg, li jinghata fi tmiem tas-sena finanzjarja tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li

m'ghandu jaghti ebda *performance bonus* lis-Skrivan tal-Kunsill Brian Cutajar, kif ukoll qabel li m'ghandux jinghata l-*increments*.

**6 Korrispondenza.**

6.1 Giet trattata ittra mibghuta mill-Kunsill Skolastiku ta' l-Iskola Primarja Qala dwar il-*workbooks* fuq il-Qala li qed jaghmel Dr Raymond Xerri u li qed jirregali lill-istudenti, sabiex il-Kunsill jghinu bl-ahjar mezz possibli halli isiru dawn il-*workbooks*.

Il-laqgha ntemmet fid-9:00 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar il-Gimgha 15 ta' Frar 2013.

| | |
|---|---|
| Clint Camilleri | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |